MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2007

Avviz Numru. 441/2005

**Marsovin (Sales & Distribution) Limited**

**vs**

**Diamond Global Company Limited, Joseph Formosa u Anthony Cutajar bhala garanti solidali tas-socjeta' konvenuta**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, disa' mija u seba' Lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (LM1,907.25,0), in kwantu ghal:**

**a. disa' mija u tmienja u sittin Lira Maltin u disgha u erbghin centezmu, (LM968.49,0), import ta' self**

**maghmul permezz ta' skrittura datata 15 ta' April tas-sena 2004 (Dok. A); u**

**b. disa' mija u tmienja u tletin Lira Maltin u sitta u sebghin centezmu, (LM938.76,0), rapprezentanti bejgh u xiri ta' merkanzija mixtrija skond ' il fuq imsemmi kuntratt izda li baqghet ma thallsitx;**

**Il-konvenuti gew interpellati jhallsu, izda baqghu inadempjenti (ittri datati 31 ta' Jannar tas-sena 2005 – Dok. B u C);**

**Bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti in subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-17 ta' Ottubru tas-sena 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici Marsovin (Sales & Distribution) Limited, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------